**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum L-Erbgha, 27 ta' Gunju, 2018**

Numru 3

**Appell Nru. 26/2018**

**JPM Brothers Ltd. u Jefpet Ltd.**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tal-Awtorita tal-11 ta' Mejju 2018 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-3 ta' Mejju 2018 rigward ECF 238/16 fejn skond l-avviz relattiv sar ksur tal-Att VII tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp billi gie zarmat is-sit u thalla fi stat ta' abbandun;

Rat ir-risposta tal-appellati li ssottomettew li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra
L-appellant ghandu aggravji ta' indole legali kif ukoll fattwali. Ghandhom jigu trattat l-ewwel dawk ta' indoli legali billi dawn jattakaw direttament il-valita' tal-avviz li nhareg fil-konfront tal-appellanti.

L-aggravji dwar in-nullita' huma:
1. L-avviz huwa null fil-konfront ta' JPM Brothers Limited billi din is-socjeta' mhix il-proprjetarja tas-sit in mertu u lanqas ma ghandha konnessjoni mas-sit. Dan l-aggravju huwa bbazat fuq l-massimu legali ta' personalita' guiridika.
2. L-istess avviz huwa null kif mahrug fil-konfront ta' Jefpet Ltd. billi l-avviz inhareg biss fil-konfront ta' JPM Brothers Limited u fil-konfront ta' "the owner".

L-appellanti ssottometta illi din in-nullita' hija bbazata fuq kliem il-ligi stess li tipprospetta illi jinhareg avviz kontra persuna nnomintata wara li jkun sar stharrig xieraq.

Dawn l-aggravji jenhtiegu li jigu ezaminati ghaliex l-akkoljiment taghhom jannulla kull process li sar wara.

Il-bazi tal-azzjoni mehuda mill-Awtorita' naturalment tohrog mill-Ligi. Ghalhekk kull azzjoni, notifika u validita' tal-istess ghandhom johorgu mill-Ligi. Ghalhekk, fir-rigward tal-ewwel aggravju, l-Avviz inhareg korrettement fil-konfront tal-appellanti.

Dwar dan l-ewwel aggravju l-Awtorita' rrispondiet illi l-avviz inhareg kontra:
1. JPM Brothers Limited
2. Jefpet Ltd.
3. Geoffrey Montebello
4. Peter Montebello
5. "the owner"

L-appell odjern huwa dawn li hareg fil-konfront ta' JPM Brothers Limited u Jefpet Ltd. L-Awtorita' fil-kuntest ta' dan l-aggravju ghamlet riferenza ghall-fatt illi l-applikazzjoni PA 3863/08 li kienet outline application fuq is-sit turi illi JPM Brothers Limited huma s-sidien tal-art. Infatti fl-applikazzjoni formula A hemm imnizzel bhala 'sole owner' din is-socjeta'.

Dan huwa minnu. Izda, ai finijiet ta' dan l-appell huwa necessarju li ssir tfittxija u ezami tas-sitwazzjoni fil-mument tal-hrug tal-Avviz in mertu ossia fid-19 ta' Awissu 2016.

Huwa cert li fil-mument tal-applikazzjoni PA 3860/08 l-appellanti ddikjaraw ruhhom bhala s-sidien tal-art in mertu. L-appellanti esebew bhala Dok JM1 kuntratt datat 24 ta' Lulju 2008 fejn jirrizulta li s-sit in mertu gie akkwistat minn Jefpet Ltd.

Ghalhekk l-ewwel aggravju fil-konfront tas-socjeta' appellanti JPM Brothers Limited tidher li ghandha tigi milqugha. Huwa minnu illi l-appellanti stess fl-applikazzjoni

ndikaw ruhhom bhala sidien izda il-fatti (legalment) juru li ma humiex is-sidien. Is-sidien kienu Jefpet Ltd.

Jibqa pero' dan l-aggravju fil-konfront ta' Jefpet Ltd. Skond l-istess appellanti n-notifika lilhom qatt ma giet direttament esegwita izda giet esegwita biss fil-konfront taghom bhala s-sidien (the owners). L-appellanti jargumentaw li tali hrug huwa null minhabba d-dicitura tal-ligi stess.

L-artikolu 34 (1) u (2) tal-Kap 552 jiddikjaraw:
"(1) Meta xi avviż jew att jew dokument ieħor, ikun x'ikun, huwa meħtieġ jew awtorizzat li jiġi notifikat jew mogħti skont jew taħt dan l-Att, dan jista' jiġi notifikat jew mogħti b'kull wieħed mill-modi li ġejjin:
(a) billi jingħata f'idejn il-persuna li għandha tiġi notifikata jew li lilha għandha tingħata; jew
(b) billi jitħalla fil-post fejn soltu toqgħod jew fejn l-aħħar kienet toqgħod, dik il-persuna, jew fil-post taxxogħol, jew jekk dik il-persuna tkun tat indirizz għal notifika, f'dak l-indirizz; jew
(ċ) billi jintbagħat b'ittra reġistrata indirizzata lil dik il-persuna fil-post ta' abitazzjoni jew indirizz għal notifikahawn qabel imsemmi; jew
(d) f'każ ta' korp ġuridiku jew għaqda oħra ta' persuni, billi jingħata f'idejn uffiċjal jew impjegat tagħhom fl-uffiċċju reġistrat jew prinċipali, jew billi jintbagħat b'ittra reġistrata indirizzata lill-korp fuq imsemmi f'dak l-uffiċċju; jew
(e) f'kull każ li fih ma jkunx raġonevolment possibbli li ssir notifika f'xi wieħed mill-modi ta' qabel dan, lil kull waħda mill-persuni li lilha għandha ssir in-notifika jew li l-avviż jingħata, jew lil xi waħda jew aktar minnhom, billi l-avviż jew att jew dokument li għandu jiġi notifikat jew mogħti jitwaħħal f'post prominent fuq l-art li għaliha jirreferi u jinżamm hekk imwaħħal għal ħamest ijiem ta' ħidma u billi jiġi ppubblikat lavviż, jew l-att jew id-dokument f'gazzetta lokali. Fejn l-avviż jew att jew id-dokument li għandu jiġi notifikat jew mogħti jitwaħħal fuq l-art iżda jiġi mneħħi qabel ma jiskadi l-perjodu ta' ħamest ijiem ta' ħidma, it-twaħħil mill-ġdid tal-avviż jew tal-att jew tad-dokument għandu jkun biss għall-perjodu li jkun fadal wara li d-dokument ikun ġie mneħħi.

(2) Meta kwalunkwe avviż jew dokument ieħor huwa meħtieġ jew awtorizzat li jiġi notifikat jew mogħti lil persuna li jkollha xi interess f'xi art, u l-isem ta' dik il-persuna ma jkunx jista' jiġi aċċertat wara stħarriġ xieraq, jew li jkollu jiġi notifikat jew mogħti lil min jokkupa art, l-avviż jitqies li jkun ġie notifikat jew mogħti kif imiss jekk jiġi notifikat jew mogħti f'xi wieħed mill-modi hawn qabel imsemmija fis-subartikolu (1) u jkun indirizzat lill-persuna li għandha interess fl-art deskritta, bħala "sid", "persuna li tokkupa", jew "sidien", "persuni li jokkupaw", skont il-każ.

Ghalhekk il-ligi tispecika l-kors li ghandu jiehu avviz bhal dak mertu ta' dan l-Appell. L-aggravju tal-appellanti f'dan il-kuntest (filkaz ta' Jefpet Ltd.) huwa li dan l-iter ma giex segwit u ghalhekk l-avviz huwa null.

Huwa premess hawn dak gja dikjarat mill-Awtorita' ossia illi fl-applikazzjoni PA 3860/08 JefPet Ltd indikaw ruhhom bhala sidien. L-awtorita' tobbjeta ghal dan l-argument billi tghid illi Jefpet huma regolarment notifikati stante li huma kienu s-sidien (the owner).

L-iter ghal dan l-avviz skond ix-xhieda kien hekk:

Mark Mizzi (Enforcement Officer) jghid li kien dahal fl-ahhar fazi tal-kwistjoni wara li kien sar studju inizjali minn Frank Scerri u Thomas Paris. Kien pero' hu li hareg l-avviz in kwistjoni. Hargu fuq l-appellanti billi kienu huma ndikati bhala 'owners' flapplikazzjoni fuq imsemmija. Inharget ukoll fuq l-'owners' biex ikunu certi. Wara li l-avvizi gew lura bhala unclaimed, twahhal lavviz fuq il-post. Skond dan ix-xhud l-obbilgu taghhom kien biss li tintbaghat in-notice bil-posta. Ikkonferma li s-site notices twahhlu fit-30 ta' Awissu 2016.

Frank Scerri (Principal Enforcement Officer) spjega li ghamel access fuq il-post fis-19 ta' Awissu flimkien ma' Thomas Paris bl-iskop li jigi ccertifikat kif kienet is-sitwazzjoni tal-binja li kienet il-lukanda Jerma. Irrizulta li l-binja kienet fi stat hazin b'hafna hmieg. Dakhinar stess inhareg l-enforcement notice. Studju dwar ta' min kien is-sit ma sarx fis-sens li ghadu fuq iddikjarazzjonijiet fl-applikazzjoni fuq imsemmija. Lis-sidien ma kellmuhomx.

Thomas Paris (Team Manager fis-sezzjoni tal-enforzar) spjega li kien hu li ghamel l-endorsement sabiex johrog l-avviz in mertu. Ghamel access fuq il-post sabiex. Dwar l-avvizi jghid li dawn inhargu fuq ezami li sar tal-applikazzjoni fuq imsemmija kif ukoll wara company search. Inhargu fuq JPM Brothers Ltd. u Jefpet Ltd. Fuq is-sit twahhal l-avviz "the owner". Dawk li ntbaghtu bilposta gew lura bhala 'not delivered.' Kemm ta' Jefpet Ltd kif ukoll ta' JPM Brothers Limited gew lura. Inhargu l-avvizi fuq issidien u anki fuq "the owner" biex ikunu certi. Ma tkellimx mad-diretturi tal-kumpanija qabel il-hrug tal-avvizi.

Minn dan jirrizulta:
1. Li l-avvizi hargu inizjalment fuq JPM Brothers Limited u Jefpet Ltd..
2. Illi wara li dawn l-avvizi gew lura bhala unclaimed twahhal fuq is-sit l-avviz bhala the "owner".

L-Awtorita' kienet korretta li tohrog l-avviz fuq the owner imahhal fuq is-sit. Il-ligi tghid li l-avvizi:
(a) jingħata f'idejn il-persuna li għandha tiġi notifikata jew li lilha għandha tingħata ; jew
(b) billi jitħalla fil-post fejn soltu toqgħod jew fejn l-aħħar kienet toqgħod, dik il-persuna, jew fil-post tax-xogħol, jew jekk dik ilpersuna
tkun tat indirizz għal notifika, f'dak l-indirizz; jew
(ċ) billi jintbagħat b'ittra reġistrata indirizzata lil dik il-persuna fil-post ta' abitazzjoni jew indirizz għal notifikahawn qabel imsemmi;
jew
(d) f'każ ta' korp ġuridiku jew għaqda oħra ta' persuni, billi jingħata f'idejn uffiċjal jew impjegat tagħhom fl-uffiċċju reġistrat jew
prinċipali, jew billi jintbagħat b'ittra reġistrata indirizzata lill-korp fuq imsemmi f'dak l-uffiċċju; jew
(e) f'kull każ li fih ma jkunx raġonevolment possibbli li ssir notifika f'xi wieħed mill-modi ta' qabel dan, lil kull waħda mill-persuni li lilha għandha ssir in-notifika jew li l-avviż jingħata, jew lil xi waħda jew aktar minnhom, billi l-avviż jew att jew dokument li għandu jiġi notifikat jew mogħti jitwaħħal f'post prominenti fuq l-art li għaliha jirreferi u jinżamm hekk imwaħħal għal ħamest ijiem ta' ħidma u billi jiġi ppubblikat l-avviż, jew l-att jew id-dokument f'gazzetta lokali. Fejn l-avviż jew att jew id-dokument li għandu jiġi notifikat jew mogħti jitwaħħal fuq l-art iżda jiġi mneħħi qabel ma jiskadi l-perjodu

ta' ħamest ijiem ta' ħidma, it-twaħħil mill-ġdid tal-avviż jew tal-att jew tad-dokument għandu jkun biss għall-perjodu li jkun fadal wara li d-dokument ikun ġie mneħħi.

Dawn il-proceduri gew segwiti – fis-sens li saru tentattivi ta' notifiki skond dan l-artikolu. Jidher illi hemm mankanza fin-notifika tal-avviz li twahhal fuq is-sit. Il-ligi tispecifika illi jekk ma jkunx ragjonevolment possibbli li jsiru notifiki skond il-paragrafi (a) sa (d), l-avviz ghandu jitwahhal fuq post prominenti fuq l-art in mertu. Imkien fil-paragrafu (e) ma jissemma l-avviz lil "the owner". Dan ifisser li fuq is-sit kellu jitwahhal l-avviz fejn is-sid jigi ndikat bhala Jefpet Ltd.

Din hija naturalment kwisjoni procedurali ta' importanza.

Il-ligi hija cara. Tinqala n-necessita' tal-uzu ta' avviz lil "the owner", inkluz konsegwentement twahhil fuq il-post, biss wara li jkun twahhal l-avviz li kien originarjament sar tentattiv li jigi notifikat skond il-paragrafi (a) sa (d). Jigifieri huwa biss meta l-isem ta' dik il-persuna ma jkunx jista' jiġi aċċertat wara stħarriġ xieraq, illi jista jinhareg l-avviz bhala "sid", "persuna li tokkupa", jew "sidien", "persuni li jokkupaw", skont il-każ. Il-ligi taghmilha cara illi ghandha tiskatta dan l-operat biss wara li jkun sar stharrig xieraq.

Issa fil-kaz odjern ix-xhieda kollha kkonfermaw li skond huma l-avvizi kellhom jinhargu fuq JPM Brothers Limited u Jefpet Ltd. Dan ifisser li fuq is-sit kellu jitwahhal avviz li jindika direttament lil Jefpet Limited u mhux "the owner" meta "the owner" huwa identifikabbli.

Din tista tidher odjuza izda l-procedura qieghda hemm proprju sabiex jigu evitati ekwivoci u abbuzi. Gjaladarba l-Awtorita' stess kienet cara fis-sottomissjonijiet u xhieda taghha stess illi l-avviz kellu jinhareg fuq Jefpet Ltd. allura huwa naturali li fuq is-sit kellu jitwahhal dan l-avviz.

Ghalhekk fil-konfront tal-appelli odjerni. ossia dawk mill-avvizi mahruga fuq JPM Brothers Limited u "the owner" rigward is-sit in mertu, it-Tribunal qed jilqa l-Ewwel aggravju u jiddikjara l-avvizi bhala nulli u bla effett.

## Ikkunsidrat

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. Id-decizjoni tat-Tribunal hi konfuzjonarja u ma taghtix motivazzjoni cara u certezza tal-gudikat peress li f'parti mid-decizjoni it-Tribunal jghid li l-avviz tal-enforzar inhareg korrettement kontra l-appellati pero mbaghad spicca biex laqa' l-ewwel aggravju u qies li n-notifika fil-konfront ta' JPM Brothers Limited u 'The Owner' kienu nulli;

2. In-notifika fil-konfront ta' JPM kienet valida ghax it-Tribunal naqas li jqis li l-applikazzjoni ta' zivlupp saret f'isem JPM u iddikajrat ruhha proprejtarja tas-sit ghalkemm jirrizulta li kienet gia trasferiet is-sit gimgha qabel. Qatt ma saret emenda jew bdil tal-applikazzjoni u ghalhekk ir-responsabilta fil-konfront tal-Awtorita tibqa' ta'

JPM, u l-avviz hareg tajjeb fil-konfront taghha. Id-decizjoni tat-Tribunal li JPM mhix sid il-proprjeta in kwistjoni u ghalhekk in-notifika mhix valida mhix konkluzjoni legalment gusta u in oltre l-konsiderazzjonijiet li t-Tribunal ghamel rigward stharrig li kellu jaghmel l-Awtorita ma fiha ebda siwi ghax l-applikazzjoni stess iddikjarat minn hu s-sid u min kien qed jassumi r-responsabilta u l-interess fuq l-istess sit;

3. It-Tribunal ma messux iddikjara nulla n-notifika lil ‘The Owner’ mwahhla fuq is-sit ghax ma issemietx il-kumpania ‘Jefpet’ direttament u dan peress illi Jefpet appellat mill-avviz ta’ enforzar quddiem it-Tribunal u ghalhekk jigi li implicitament accettat li giet nofitikata bl-avviz, altrimenti ma kienx ikun hemm bzonn li tappella. Darba li assumiet il-pozizzjoni ta’ appellant minn notifika ta’ enforzar li saritilha ma tistax tissottometti li ma gietx notifikata;

4. It-Tribunal qies l-ewwel zewg aggravji tal-appellati pero fid-decide laqa’ l-ewwel aggravju ta’ nullita tal-avviz ta’ enforzar fil-konfront ta’ JPM izda ma semma xejn dwar it-tieni aggravju ta’ nulllita tal-avviz tal-enforzar fil-konfront ta’ Jefpet Ltd.

**Ir-raba’ aggravju**

L-appellant ma ghandhux ragun f’dan l-aggravju. It-Tribunal beda l-konsiderazzjonijiet tieghu billi iddikjara li ser iqis l-ewwel zewg aggravji tal-appellant cioe dak relatat ma’ JPM u Jefpet. Minn qari tad-decizjoni din il-Qorti tqis li fil-fatt iddecieda z-zewg aggravji relatati mal-kumpanija JPM billi ikkonkluda li la mhux sid l-art allura l-avviz fil-konfront taghha ma kellux validita u fil-kaz ta’ Jefpet billi ma gietx notifikata skond il-ligi, ghax l-indikazzjoni bhala ‘The Owner’ fl-avviz mwahhal fuq is-sit ma kienx jissodisfa d-dettami tal-artikolu 34 tal-Kap. 552. Hu minnu illi bi svista t-Tribunal fid-decide jirreferi ghal dawn iz-zewg kwistjonijiet bhala l-ewwel aggravju pero hu car illi fil-fatt iddecieda li l-avviz ta’ enforzar kien null fil-konfront kemm ta’ JPM Brothers Ltd u Jefpet Ltd.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

**It-tieni aggravju**

L-appellant isostni illi l-avviz ta’ enforzar kien validu fil-konfront ta’ JPM Brothers Ltd. L-aggravju ta’ JPM Brothers Ltd quddiem it-Tribunal ma kienx jirrigwarda n-notifika izda li ma kienx is-sid tal-proprjeta mertu tal-avviz u ma ghandhux rabta jew

konnessjoni mas-sit. L-Awtorita issottomettiet li meta saret l-applikazzjoni ta' zvilupp JPM Brothers Ltd iddikjarat ruhha bhala sid ghalkemm issa jirrizulta li gimgha qabel kienet bieghet il-proprjeta lil Jefpet Ltd. Nonostante dan, JPM Brothers Ltd assumiet mal-Awtorita l-pozizzjoni ta' sid il-proprjeta u sakemm inhareg l-avviz tmien snin wara l-istess JPM ma biddlitx din il-pozizzjoni billi infurmat b'dan lil Awtorita jew intalab bdil tal-applikant. L-applikant cioe JPM assumiet ir-responsabilta kollha naxxenti mid-dikjarazjzoni minnha maghmula bhala proprejtarju u kwindi l-persuna interessata f'dak kollu relatat mas-sit li tieghu intalab l-izvilupp. L-Awtorita ma ghandha ebda obbligu li tindaga fuq il-veracita ta' dikjarazzjoni maghmula liberament u ghalhekk l-oneru li jissenjala bdil kien kollu fuq l-applikant. Ma jistax ghalhekk l-applikant jabbuza mill-ligi u jsarraf f'vantagg nuqqas inkonxju jew konxju biex jevadi l-ligi. Jekk hemm terzi li jistghu ibatu l-konsegwenzi tal-avviz, dan iridu jehduh kontra min naqas cioe JPM Brothers u mhux l-Awtorita li mxiet skond il-ligi fuq il-fatti maghrufa lilha mill-istess applikant. L-artikolu 34(1) tal-Kap. 552 ghalkemm jitlob notifika lis-sid jew persuna li tokkupa, fost ohrajn, ma jfissirx li persuna tista' tithalla tabbuza billi tapplika qua sid jew okkupant meta ma tikkwalifikax bhala tali biex f'kaz li l-Awtorita tiehu passi permezz ta' avviz minhabba xi nuqqas, l-istess applikant jew terz interessat, izda li ma jidhirx, ikun jista' jevadi l-ligi billi l-applikant jistqarr li ma hux sid jew il-persuna li tokkupa l-art.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-aggravju tal-appellant hu gustifikat u t-Tribunal naqas li jqis il-kwistjoni mill-perspettiva legali gusta.

**It-tielet aggravju**

L-Awtorita wkoll tissottometti illi t-Tribunal zbalja legalment meta qies li Jefpet ma gietx notifikata regolarment meta wara li n-notifika lilha permezz tal-posta registrata irrizultat 'unclaimed', twahhal l-avviz fuq is-sit kontra 'The Owner'. L-Awtorita tissottometti li l-fatt innifsu li Jefpet appellat mill-avviz assoggettt ruhha ghal u accettat in-notifika li saret ghax hu biss min jigi notifikat b'avviz ta' enforzar li ghandu l-jedd li jappella.

Din il-Qorti tqis li l-Awtorita ghandha ragun issostni li n-notifika ta' Jefpet ukoll sehhet validament pero mhux ghar-raguni moghtija minnha. Il-Qorti ma taqbilx li l-fatt li

Jefpet appellat, alllura accettat in-notifika li saret fuq is-sit bit-twahhil tal-avviz kontra 'The Owner'. Lanqas ma taqbel mat-Tribunal rigward ir-ragunament li ghamel fuq l-indikazzjoni generika ta' 'The Owner' fuq l-avviz imwahhal fuq is-sit meta skond hu, l-Awtorita messha semmiet il-kumpanija b'isimha. Dan ir-ragunament ma hux f'postu meta tqis ic-cirkostanzi fattwali tal-kaz.

Il-Qorti tqis illi l-artikolku 34(1)(d) tal-Kap. 552 irid li f'kaz ta' persuna guridika n-notifika issir billi l-avviz jinghata f'idejn impjegat jew ufficjal fl-ufficju registrat jew billi jintbaghat b'ittra registrata indirizzata lil korp imsemmi fl-ufficju registrat. Jirrizulta illi l-Awtorita imxiet mal-ligi u baghtet ittra registrata lil Jepet Ltd fl-ufficju registrat. Dan hu l-obbligu li timponi l-ligi u xejn aktar. Jirrizulta illi ma hemmx dubju li l-ittra registrata intbaghtet fl-indirizz tal-ufficju registrat. Jirrizulta pero li din l-ittra baqghet unclaimed. Din l-eventwalita ma titfa' ebda oneru fuq l-Awtorita. L-oneru taghha kien li tibghat ittra registrata fl-ufficju registrat u hekk ghamlet. Jekk il-kumpanija naqset li tiehu konsenja taghha ghar-ragunijiet taghha ma ghandhiex tbati l-konsegwenzi l-Awtorita. Del resto l-ligi hi cara bizzejjed tant li l-paragrafu sussegwenti jaghti opzjonijiet ohra fejn mhix ragonevoli li issir notifika. F'dan il-kaz ma kien hemm ebda diffikulta billi ma ngiebet ebda prova kuntrarja li l-avviz ma intbaghtx fl-ufficju registrat.

Ghalhekk il-Qorti qed tilqa' l-aggravju pero ghal raguni differenti minn dak moghti.

**L-ewwel aggravju**

Billi l-Qorti laqghet it-tieni u it-tielet aggravji tal-appellant u konsegwentement l-appell ma hemmx lok li tikkonsidra dan l-aggravju.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-aggravju tal-Awtorita fis-sens li tqis li JPM Brothers Ltd u Jefpet Ltd gew notifikati validament bl-avviz ta' enforzar 392/16 u kwindi tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-3 ta' Mejju 2018, u tordna lill-istess Tribunal ikompli bis-smigh tal-appell fuq l-aggravji l-ohra mressqa.

Spejjez ghall-appellati.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur